DOKUMENT TAX-XOGĦOL
KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fis-26 ta' Mejju 2016[1]

Kawża C-294/15

Edyta Mikołajczyk
vs
Marie Louise Czarnecka,
Stefan Czarnecki

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Apelacyjny w-Warszawie (qorti tal-appell ta' Varsavja, il-Polonja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri — Regolament (KE) Nru 2201/2003 — Artikolu 1(1)(a) — Kamp ta' applikazzjoni ratione materiae — Talba għal annullament ta' żwieġ ippreżentata minn terz wara l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi — Artikolu 3(1) — Ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru ta' residenza tal-applikant sabiex tittieħed konjizzjoni ta' tali talba"

I – Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(1)(a) u (3) u tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000[2] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 2201/2003").

2. B'mod partikolari, l-imsemmija talba tirrigwarda l-applikazzjoni tal-imsemmi regolament għall-kawżi għal annullament taż-żwieġ ippreżentati minn terz wara l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi.

II – Il-kuntest ġuridiku

3. Il-premessa 8 tar-Regolament Nru 2201/2003 tistabbilixxi li "[f] ir-rigward ta' sentenzi dwar divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieg, dan ir-Regolament għandu japplika biss għax-xoljiment tar-rabtiet matrimonjali u m'għandux jittratta ma' kwistjonijiet bħal raġunijiet għal divorzju, il-proprjetà bħala konsegwenza taż-żwieg jew kwalsiasi miżuri oħra anċillari".

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19, Vol 6, p. 243. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nagħmel riferiment għall-verżjoni tar-Regolament Nru 2116/2004, tat-2 ta' Diċembru 2004 (ĠU L 153M, 7.6.2006, p. 253).

4. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 huwa deskritt kif ġej fl-Artikolu 1(1) u (3) tiegħu:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika, tkun xi tkun in-natura ta' l-qorti jew tribunal, fi kwistjonijiet ċivili dwar:

(a) id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ;

[…]

3. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

(a) l-istabbiliment jew kontestazzjoni ta' relazzjonijiet bejn minuri u ġenituri;

(b) id-deċizjonijiet dwar l-adozzjoni, il-miżuri preparatorji għall-adozzjoni, jew l-annullament jew ir-revoka ta' l-adozzjoni;

(ċ) l-isem u l-ewwel ismijiet ta' l-minuri;

(d) l-emanċipazzjoni;

(e) l-obbliġazzjonijiet ta' manteniment;

(f) il-fondi fiduċjarji jew ta' suċċessjoni;

(g) il-miżuri meħuda bħala rizultat ta' xi reati kriminali magħmula mill-minuri.

[…]"

5. L-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, intitolat "Il-ġurisdizzjoni ġenerali", jipprovdi:

"1. Fi kwistjonijiet dwar id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ, il-ġurisdizzjoni ħa taqa' taħt il-kompetenza ta' l-qrati ta' l-Istat Membru

(a) f'liema territorju:

— il-konjuġi huma abitwalment residenti, jew

— il-konjuġi kienu joqgħodu hemm l-aħħar, peress illi xi ħadd minnhom għadu/għadha residenti hemm, jew

— il-konvenut huwa abitwalment residenti, jew

— fil-każ ta' applikazzjoni konġunta, wieħed jew waħda mill-konjuġi huwa abitwalment residenti, jew

— L-applikant huwa abitwalment residenti jekk hu jew hija kienu joqgħodu hemm mill-inqas sena mmedjatament qabel ma' saret l-applikazzjoni, jew

— L-applikant huwa abitwalment residenti jekk hu jew hija kienu residenti hemm mill-inqas sitt xhur immedjatament qabel saret l-applikazzjoni u jekk wieħed jew waħda minnhom huwa ċittadin ta' l-Istat Membru in kwistjoni jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, għandu jew għandha 'id-domiċilju' hemmhekk;

(b) dwar in-nazzjonalità taż-żewg konjuġi jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, dwar 'id-domiċilju' taz-żewġ konjuġi.

2. Għar-raġunijiet ta' kompetenza ta' dan ir-Regolament, 'domiċilju' se jkollu l-istess tifsira kif għandu taħt is-sistemi legali tar-Renju Unit u l-Irlanda".

III – Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

6. Il-fatti inkwistjoni f'din il-kawża huma ftit li xejn normali u jmorru lura għal diversi deċenni.

7. Fl-20 ta' Novembru 2012, Edyta Mikołajczyk ippreżentat, quddiem is-Sąd Okręgowy w Warszawie (Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja), kawża għal annullament taż-żwieġ ta' Stefan Czarnecki u Marie Louise Czarnecka (née Cuenin), iċċelebrat fl-4 ta' Lulju 1956 quddiem l-uffiċjal tal-istat ċivili taż-żwieġ fil-muniċipju tas-16-il distrett ta' Pariġi (Franza). Hija indikat li hija l-werrieta testamentarja tal-ewwel mara ta' Stefan Czarnecki, Zdzisława Czarnecka, li mietet fil-15 ta' Ġunju 1999.

8. Skont E. Mikołajczyk, iż-żwieġ ta' S. Czarnecki u Zdzisława Czarnecka, iċċelebrat fit-13 ta' Lulju 1937 quddiem l-uffiċjal tal-istat ċivili tal-Belt ta' Poznań (il-Polonja), qatt ma ġie xolt, b'tali mod li r-rabta matrimonjali sussegwenti bejn S. Czarnecki u Marie Louise Czarnecka kienet tikkostitwixxi relazzjoni ta' bigamija.

9. Din il-kawża għal annullament saret kontra S. Czarnecki u Marie Louise Czarnecka. Peress li S. Czarnecki miet fit-3 ta' Marzu 1971, inħatar kuratur sabiex jirrappreżentah f'din il-proċedura, li ngħaqad mat-talbiet ta' Marie Louise Czarnecka.

10. Din tal-aħħar qajmet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tas-Sąd Okręgowy w Warszawie (Qorti Reġjonali ta' Varsavja) u talbet l-inammissibbiltà tal-kawża għal annullament. Dwar il-mertu, hija talbet sabiex il-kawża kollha tiġi miċħuda bħala infondata.

11. Permezz ta' digriet tad-9 ta' Settembru 2013, is-Sąd Okręgowy w Warszawie (Qorti Reġjonali ta' Varsavja) ċaħdet din l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u ħadd mill-partijiet ma kkontesta dan id-digriet.

12. Permezz ta' sentenza tat-13 ta' Frar 2014, din il-qorti, filwaqt li kkonstatat li ż-żwieġ ta' S.Czarnecki ma' Zdzislawa Czarnecka kien ġie xolt permezz ta' divorzju mill-qrati Pollakki fid-29 ta' Mejju 1940, iddeċidiet li l-kawża għall-annullament taż-żwieġ kienet infondata.

13. E. Mikolajczyk appellat minn din is-sentenza quddiem is-Sąd Apelacyjny w Warszawie (qorti tal-appell ta' Varsavja).

14. Fil-kuntest tal-eżami ta' dan l-appell, din il-qorti esprimiet dubji dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Pollakki sabiex jieħdu konjizzjoni tal-kawża prinċipali abbażi tal-Artikoli 1 u 3 tar-Regolament Nru 2201/2003. Għalhekk, is-Sąd Apelacyjny w Warszawie (qorti tal-appell ta' Varsavja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domandi preliminari:

"(1) Proċeduri għall-annullament ta' żwieġ wara l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-[Regolament Nru 2201/2003]?

(2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament [Nru 2201/2003] huwa estiż għal proċeduri għall-annullament ta' żwieġ mibdija minn persuna li ma hijiex wieħed mill-konjuġi?

(3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, fi proċeduri għall-annullament ta' żwieġ mibdija minn persuna li ma hijiex wieħed mill-konjuġi, il-ġurisdizzjoni tal-qorti tista' tkun ibbażata fuq il-bażijiet msemmija fil-ħames u fis-sitt inċiż tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament [Nru 2001/2003]?"

IV – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

15. It-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Ġunju 2015.

16. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvernijiet tal-Polonja u tal-Italja kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. La l-partijiet fil-kawża prinċipali u lanqas il-partijiet intervenjenti fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma talbu seduta. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li hija informata biżżejjed sabiex tiddeċiedi l-kawża mingħajr ma torganizza seduta.

V – Analiżi

A – *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

17. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk ir-Regolament Nru 2201/2003 japplikax għall-kawżi għal annullament ta' żwieġ ippreżentati wara l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi.

18. *Prima facie*, peress li fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju ssemmi l-parti l-kbira tal-fatti kkonstatati mis-Sąd Okręgowy w Warszawie (Qorti Reġjonali ta' Varsavja), fosthom li ż-żwieġ ta' S. Czarnecki ma' Zdzislawa Czarnecka kien ġie xolt permezz ta' divorzju fl-1940 [3], jidhirli li l-kawża li wasslet għal din id-domanda preliminari hija probabbilment infondata.

19. Madankollu, din il-kwistjoni ta' mertu tista' tiġi ttrattata biss wara li tkun deċiża dik tal-eżistenza ta' ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Pollakki sabiex jieħdu konjizzjoni tal-kawża prinċipali. Issa, din il-kwistjoni hija preċiżament is-suġġett ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

20. Skont il-qorti tar-rinviju, il-fatt li, skont l-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003, dan tal-aħħar japplika għal materji ċivili dwar l-annullament taż-żwieġ ma huwiex determinanti fih innifsu.

21. Hija tfakkar li dan ir-regolament ħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1347/2000, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri għall-ulied taż-żewġ konjuġi [4]. Dan tal-aħħar kellu bħala bażi "il-Konvenzjoni stabbilita abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, dwar il-ġurisdizzjoni u l-infurzar ta' deċiżjoniijiet f'materji matrimonjali" [5].

22. Anki jekk id-dispożizzjonijiet inkwistjoni f'din il-kawża huma kważi simili għal dawk ta' din il-konvenzjoni, li mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, lanqas, ma teskludi ebda kategorija ta' kawżi għal annullament taż-żwieġ, il-qorti tar-rinviju tagħmel riferiment għall-punt 27 tar-rapport spjegattiv tal-professur Borrás, approvat mill-Kunsill fit-28 ta' Mejju 1998 u relatat mal-imsemmija konvenzjoni [6], li jipprovdi li, "[s]abiex jiġu stabbiliti l-kriterji ta' ġurisdizzjoni f'materji matrimonjali, ma hemmx lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni każijiet fejn il-validità taż-żwieġ għandha tkun eżaminata fil-kuntest ta' talba

3 — Dan jimplika li t-tieni żwieġ ta' S.Czarnecki ma' Marie Louise Czarnecka, iċċelebrat fl-1956, qatt ma kien ivvizzjat b'bigamija.

4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19, Vol 1, p. 209.

5 — ĠU 1998, C 221, p. 1.

6 — ĠU 1998, C 221, p. 27, iktar 'il quddiem ir-"rapport spjegattiv tal-professur Borrás".

għal annullament meta wieħed mill-konjuġi jew iż-żewġ konjuġi jkunu mietu, għaliex din il-kwistjoni ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Tali każijiet iqumu essenzjalment fil-kuntest ta' kwistjonijiet preliminari marbuta ma' suċċessjoni. Dawn huma rregolati mill-istrumenti internazzjonali applikabbli fil-qasam […] jew mid-dritt intern tal-Istat, jekk dan tal-aħħar jipprovdi din il-possibbiltà"[7].

23. Skont il-Gvernijiet tal-Polonja u tal-Italja, l-azzjonijiet għal annullament ta' żwieġ wara l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003, għar-raġuni li, fil-mument tal-preżentazzjoni ta' tali kawża, ir-rabta matrimonjali prevista minn din l-azzjoni ma tkunx għadha teżisti minħabba l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi.

24. Skont dawn il-gvernijiet, meta ż-żwieġ jintemm, il-kawża dwar l-annullament tiegħu ma tirrigwardax prinċiparjament il-kwistjonijiet tal-istat tal-persuni fiżiċi iżda, bħal f'dan il-każ, id-drittijiet patrimonjali fil-kuntest ta' proċedura ta' suċċessjoni.

25. Sabiex isostnu l-pożizzjoni tagħhom, il-Gvernijiet tal-Polonja u tal-Italja jistrieħu wkoll fuq il-punt 27 tar-rapport spjegattiv tal-Professur Borrás iċċitat iktar 'il fuq.

26. Bħall-Kummissjoni, jiena nikkunsidra għall-kuntrarju li r-Regolament Nru 2201/2003 japplika għal kull kawża għal annullament taż-żwieġ, anki jekk wieħed mill-konjuġi miet, u dan irrispettivament mill-possibbiltà li din il-kawża tkun marbuta, bħal fil-kawża prinċipali, ma' tilwima li tirrigwarda suċċessjoni.

27. Kuntrarjament għall-argument imqajjem mill-Gvern Taljan, il-fatt li l-kawża għal annullament inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprevedi żwieġ diġà xolt bil-mewt ta' wieħed mill-konjuġi ma jimplikax li din il-kawża ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003. Fil-fatt, għalkemm il-mewt għandha l-effett li xxolji ż-żwieġ *ex nunc*, il-kawża għal annullament tipprevedi l-invalidità tiegħu *ex tunc*. Għalhekk jista' jkun hemm interess li jinkiseb l-annullament ta' żwieġ, anki wara x-xoljiment tiegħu bil-mewt ta' wieħed mill-konjuġi.

28. Barra minn hekk, bħalma tenfasizza l-Kummissjoni, il-kliem tal-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jħalli l-ebda dubju dwar l-applikabbiltà ta' dan ir-regolament għal kawża għal annullament taż-żwieġ bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Mingħajr ekwivoku, jew xi riżervi jew kundizzjoni supplimentari, din id-dispożizzjoni tipprovdi li "[d]an ir-Regolament għandu japplika, […] dwar […] l-annullament taż-żwieġ […]". Barra minn hekk, il-kawżi għal annullament taż-żwieġ meta wieħed mill-konjuġi jmut ma humiex fost dawk espliċitament eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 bil-paragrafu (3) ta' dan l-artikolu.

29. Fir-rigward tal-argumenti bbażati fuq il-punt 27 tar-rapport spjegattiv tal-Professur Borrás, nirrileva li mhux biss il-konvenzjoni li magħha dan ir-rapport ġie anness qatt ma daħlet fis-seħħ, iżda talli bħalma tirrileva l-Kummissjoni, il-Professur Borrás ma joffri ebda spjegazzjoni sabiex jiġġustifika din l-esklużjoni.

30. Barra minn hekk, kif tosserva l-Kummissjoni, ir-Regolament Nru 2201/2003 għandu l-għan li joffri liċ-ċittadini tal-Unjoni livell għoli ta' prevedibbiltà u ċarezza legali għal dak li jirrigwarda l-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet f'materji matrimonjali li għandhom natura internazzjonali. Għalhekk l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu tal-kawżi għal annullament ta' żwieġ fil-każ ta' mewt ta' wieħed mill-konjuġi tkun kuntrarja għall-ispirtu u l-għanijiet ta' dan ir-regolament.

7 — Preżentament, il-kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni marbuta mas-suċċessjoni minħabba mewt huma rregolati mir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Lulju 2012, dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni (ĠU 2012, L 201, p. 107).

31. Fl-aħħar nett, il-premessa 8 tal-imsemmi regolament tipprovdi li "[f]ir-rigward ta' sentenzi dwar […] l-annullament taż-żwieg, dan ir-Regolament għandu japplika biss għax-xoljiment tar-rabtiet matrimonjali u m'għandux jittratta ma' kwistjonijiet bħal raġunijiet għal divorzju, il-proprjetà bħala konsegwenza taż-żwieg jew kwalsiasi miżuri oħra anċillari".

32. Kuntrarjament għal dak allegat mill-Gvernijiet tal-Polonja u tal-Italja, din il-premessa ma timplikax li r-Regolament Nru 2201/2003 ma japplikax għall-kawżi għal annullament taż-żwieġ meta wieħed mill-konjuġi jkun miet. Għall-kuntrarju, hija tistabbilixxi li għal dan it-tip ta' kawżi, dan ir-regolament japplika biss għall-kwistjoni tax-xoljiment tar-rabta matrimonjali u mhux għall-effetti patrimonjali taż-żwieġ, bħal suċċessjoni, li barra minn hekk huma esklużi b'mod espliċitu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament mill-Artikolu 1(3)(f) tiegħu.

33. Konsegwentement, għalkemm ir-Regolament Nru 2201/2003 jista' jkun il-bażi tal-ġurisdizzjoni ta' qorti, f'dan il-każ, sabiex tiġi deċiża l-validità ta' żwieġ iċċelebrat bejn S. Czarnecki u Marie-Louise Czarnecka, ma huwiex applikabbli għall-kwistjonijiet marbuta mas-suċċessjoni ta' S. Czarnecki u tal-ewwel mara tiegħu, Zdzislawa Czarnecka, li tagħha E. Mikolajczyk indikat li hija l-eredi testamentarja.

34. Għal dawn ir-raġunijiet, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi l-ewwel domanda fis-sens li l-kawżi għal annullament ta' żwieġ ippreżentati wara l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003.

B – *Fuq it-tieni domanda preliminari*

35. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 ikoprix ukoll il-kawżi għal annullament ta' żwieġ li ġew ippreżentati minn persuni li ma humiex il-konjuġi.

36. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tosserva li r-rapport spjegattiv tal-Professur Borrás ma jsemmix il-possibbiltà ta' esklużjoni tal-kawżi għal annullament magħmula minn persuna li ma hijiex il-konjuġi. Hija tirreferi wkoll għall-ambigwità tad-duttrina, peress li skont ċerti awturi, l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003 jeskludi b'mod impliċitu kull applikazzjoni għall-kawżi għal annullament taż-żwieġ magħmula minn terzi, filwaqt li skont oħrajn, il-possibbiltà ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament għandha tkun aċċettata fir-rigward ta' kawżi għal annullament taż-żwieġ ippreżentati permezz ta' rikors ta' prosekutur jew minn terzi li għandhom interess ġuridiku, iżda madankollu f'tali konfigurazzjoni proċedurali, l-ewwel sar-raba' inċiż tal-Artikolu 3(1)(a) u l-Artikolu 3(1)(b) tal-imsemmi regolament biss, jistgħu japplikaw.

37. Il-Gvernijiet tal-Polonja u tal-Italja għandhom l-opinjoni li r-Regolament Nru 2201/2003 ma japplikax għall-kawżi għal annullament taż-żwieġ li ġew ippreżentati minn persuna li ma hijiex waħda mill-konjuġi. Sabiex isostni l-argument tiegħu, il-Gvern Pollakk jirrileva li diversi titoli ta' ġurisdizzjoni elenkati fl-Artikolu 3(1)(a) ta' dan ir-regolament jirreferu għar-residenza abitwali tal-konjuġi, komuni jew separata, sabiex juri li huma biss il-konjuġi li huma previsti bħala partijiet fi proċedura għal annullament taż-żwieġ.

38. Bħall-Kummissjoni, jiena naqbel ma' interpretazzjoni leali għall-kliem tal-Artikoli 1 u 3 tar-Regolament Nru 2201/2003 li ma jissuġġettawx l-applikazzjoni tagħha għall-kawżi għal annullament taż-żwieġ għall-kundizzjoni dwar l-identità tal-parti attriċi.

39. Barra minn hekk, anki jekk huwa minnu li l-kawżi matrimonjali għandhom natura personali, hemm każijiet fejn, bħal fil-kawża prinċipali, terz jista' jkollu interess ġuridiku u ma hemm l-ebda raġuni li tipprekludi l-kunsiderazzjoni tiegħu, b'dan illi dan l-interess għandu jkun evalwat mhux abbażi tar-Regolament Nru 2201/2003, iżda tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

40. Il-fatt li ċerti titoli ta' ġurisdizzjoni elenkati fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003 jagħmlu riferiment għar-residenza abitwali tal-konjuġi ma jaffettwax ir-risposta li għandha tingħata lit-tieni domanda, peress li l-fatt li l-post tar-residenza abitwali tal-konjuġi għandu ġurisdizzjoni internazzjonali f'materji tal-annullament taż-żwieġ ma jeskludix li terza persuna tista' taġixxi b'mod ġudizzjarju għal dan id-dritt skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

41. Għal dawn ir-raġunijiet, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tieni domanda fis-sens li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 ikopri l-kawżi għal annullament taż-żwieġ ippreżentati minn persuna li ma hijiex waħda mill-konjuġi.

C – *Fuq it-tielet domanda preliminari*

42. Permezz tat-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru li għandha quddiemha kawża għal annullament taż-żwieġ ippreżentata minn persuna li ma hijiex waħda mill-konjuġi tistax tkun ibbażata fuq it-titoli ta' ġurisdizzjoni msemmija fil-ħames u s-sitt inċiż tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003.

43. Skont il-qorti tar-rinviju, l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet jista' jkollha l-effett li tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tal-qrati Pollakki sabiex jeżaminaw il-validità ta' żwieġ iċċelebrat fi Franza fuq il-bażi biss li r-residenza tal-attriċi li ma hijiex wieħed mill-konjuġi, f'dan il-każ, E. Mikolajczyk tinsab fil-Polonja u ma għandha l-ebda rabta mal-post ta' residenza tal-konjuġi.

44. Skont il-Gvern Taljan, il-kriterji msemmija fil-ħames u s-sitt inċiż tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003 għandhom, peress li jistabbilixxu bħala kriterju tal-ġurisdizzjoni l-post ta' residenza abitwali tal-attur, ikunu kkunsidrati bħala li jagħmlu riferiment biss għall-konjuġi attur.

45. F'dan ir-rigward, huwa jibbaża fuq il-punt 32 tar-rapport spjegattiv tal-Professur Borrás li jipprovdi li l-għażla tat-titoli ta' ġurisdizzjoni minbarra r-residenza abitwali tal-konjuġi kienet immotivata bix-xewqa ta' wħud mill-Istati Membri li ma jagħmlux indebitament diffiċli l-aċċess għall-ġustizzja tal-konjuġi li, minħabba kriżi konjugali, jirritornaw fil-pajjiż li fih kienu ddomiċiljati qabel iż-żwieġ.

46. Bħall-Gvern Taljan, il-Kummissjoni tikkunsidra li interpretazzjoni litterali tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni li jippermettu lill-qrati Pollakki jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħhom sabiex jiddeċiedu kawża għal annullament taż-żwieġ iċċelebrat fi Franza ppreżentat minn terza persuna, tmur kontra l-għan tar-Regolament Nru 2201/2003. Fl-opinjoni tagħha, ma huwiex aċċettabbli li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried li t-terminu "applikant" jista' jindika terzi fil-kuntest ta' rikors għal annullament taż-żwieġ, jekk dawn għandhom *locus standi* skont id-dritt nazzjonali. Skont il-Kummissjoni, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni stabbiliti mill-imsemmi regolament huma maħsuba sabiex jippreżervaw l-interessi tal-konjuġi u mhux dawk ta' terzi li jistgħu jibdew tali proċedura. Jekk tali terzi għandhom id-dritt li jippreżentaw dan ir-rikors, dawn huma marbuta bir-regoli ta' ġurisdizzjoni ddefiniti għall-benefiċċju tal-konjuġi.

47. Jiena naqbel mat-teżi u l-argumenti tal-Gvern Taljan kif ukoll ma' dawk tal-Kummissjoni.

48. Barra minn hekk, għandu qabelxejn jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet fil-punt 48 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Hadadi (C-168/08, EU:C:2009:474), li "l-Artikolu 3(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprovdi diversi titoli ta' ġurisdizzjoni, li bejniethom ma hemm l-ebda ġerarkija. Il-kriterji oġġettivi msemmija f'dan l-Artikolu 3(1) huma kollha alternattivi".

49. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkunsidrat, fil-punt 49 ta' din is-sentenza, li "s-sistema tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni stabbilita bir-Regolament Nru 2201/2003 dwar ix-xoljiment tar-rabta matrimonjali mhijiex intiża sabiex teskludi diversi qrati. Għall-kuntrarju, il-koeżistenza ta' diversi qrati li għandhom ġurisdizzjoni, mingħajr ġerarkija bejniethom, hija espressament stipulata".

50. Minn dawn il-paragrafi jirriżulta li terz li jaġixxi għall-annullament ta' żwieġ huwa liberu li jagħżel il-post li fih huwa jixtieq jippreżenta l-kawża tiegħu, fost dawk elenkati fl-Artikolu 3(1)(a) tal-imsemmi regolament.

51. Madankollu, anki jekk it-tielet, ħames u sitt inċiż ta' din id-dispożizzjoni jagħmlu riferiment b'mod ġenerali għar-residenza abitwali tal-konvenut jew tal-attur, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 50 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Hadadi (C-168/08, EU:C:2009:474), li, "minkejja li *l-kriterji elenkati fl-Artikolu 3(1)(a) ta' dan ir-regolament huma bbażati f'diversi modi fuq ir-residenza abitwali tal-konjuġi*, il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 3(1)(b) huwa dak 'dwar in-nazzjonalità taż-żewg konjuġi jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, dwar 'id-domiċilju' taz-żewġ konjuġi'" [8].

52. Jirriżulta b'mod ċar mit-test enfasizzat li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, it-titoli kollha ta' ġurisdizzjoni elenkati fl-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003 huma bbażati fuq ir-residenza abitwali ta' wieħed jew iż-żewġ konjuġi.

53. Fl-opinjoni tiegħi, huwa għal din ir-raġuni li l-ħames inċiż tal-imsemmi Artikolu 3(1)(a) ma jistabbilixxix biss il-ġurisdizzjoni tal-post tar-residenza abitwali tal-attur, iżda jżid li l-attur għandu jkun irrisjeda fih tal-inqas sena immedjatament qabel il-preżentazzjoni tat-talba. L-istess japplika għas-sitt inċiż ta' din id-dispożizzjoni li jipprovdi li l-attur għandu jkun irrisjeda hemm tal-inqas sitt xhur immedjatament qabel il-preżentazzjoni tat-talba tiegħu u jkun ċittadin tal-Istat Membru inkwistjoni.

54. Għaliex il-leġiżlatur tal-Unjoni żied dawn il-klassifikazzjonijiet tal-"applikant", jekk ma jirrigwardax wieħed mill-konjuġi?

55. Għal dawn ir-raġunijiet, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tielet domanda fis-sens li l-ħames u s-sitt inċiż tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003 ma japplikawx għall-kawżi għal annullament ippreżentati minn persuna li ma hijiex waħda mill-konjuġi.

VI – Konklużjoni

56. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mis-Sąd Apelacyjny w Warszawie (qorti tal-appell tal-Varsavja, Il-Polonja) kif ġej:

(1) Il-kawżi għal annullament taż-żwieġ ippreżentati wara l-mewt ta' wieħed mill-konjuġi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2116/2004, tat-2 ta' Diċembru 2004.

(2) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003, kif emendat bir-Regolament Nru 2116/2004, ikopri l-kawżi għal annullament taż-żwieġ ippreżentati minn persuna li ma hijiex waħda mill-konjuġi.

(3) Il-ħames u s-sitt inċiż tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003, kif emendat bir-Regolament Nru 2116/2004, ma japplikawx għall-kawżi għal annullament taż-żwieġ ippreżentati minn persuna li ma hijiex waħda mill-konjuġi.

8 — Enfasi miżjuda minni.